

Russja

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Marzu 2008 dwar ir-Russja

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-objettivi għall-konsolidazzjoni tad-demokrazija u l-libertajiet politiċi fil-Federazzjoni Russa, kif stipulati fil-Ftehma ta' Sħubija u Koperazzjoni (PCA) bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa waħda, u l-Federazzjoni Russa, min-naħa l-oħra¹, liema Ftehma daħlet fis-seħħ fl-1997, u skadiet fl-2007,
 - wara li kkunsidra l-konsultazzjoni bejn l-UE u r-Russja dwar id-drittijiet tal-bniedem,
 - wara li kkunsidra l-objettiv ta' l-UE u r-Russja, stabbilit fid-dikjarazzjoni konġunta maħruġa wara l-11-il Samit UE-Russja li sar f'San Pietruburgu fil-31 ta' Mejju 2003, biex tiġi stabbilita żona ekonomika komuni, żona komuni ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, żona komuni ta' koperazzjoni fil-qasam tas-sigurtà esterna u żona komuni ta' riċerka u edukazzjoni, inklużi aspetti kulturali,
 - wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar ir-Russja, u b'mod partikulari r-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Ottubru 2006 dwar il-qtil tal-ġurnalista Russa Anna Politkovskaya², dik tas-26 ta' April 2007³, dik ta' l-14 ta' Novembru 2007 dwar is-Samit UE-Russja⁴ u dik tat-13 ta' Diċembru 2006 dwar is-Samit UE-Russja f'Helsinki fl-24 ta' Novembru 2006⁵,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 115(5) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi koperazzjoni msaħħa u relazzjonijiet tajba tal-viċinat bejn l-UE u r-Russja huma ta' importanza ewlenija għall-istabilità, is-sigurtà u l-prosperità ta' l-Ewropa kollha; billi l-konklużjoni ta' Ftehma ta' Sħubija Strateġika bejn l-UE u l-Federazzjoni Russa għadha importanti ħafna għal żvilupp ulterjuri u intensifikazzjoni tal-koperazzjoni bejn iż-żewġ imsieħba, b'mod partikulari rigward kwistjonijiet ta' koperazzjoni politika, tas-sigurtà, ekonomika u ta' l-enerġija, iżda wkoll rigward ir-rispett ta' l-istat tad-dritt, il-prinċipji u l-proċeduri demokratiċi u d-drittijiet bażiċi tal-bniedem,
- B. billi flimkien mas-sħubija tan-Nazzjonijiet Uniti, ir-Russja hi membru sħiħ tal-Kunsill ta' l-Ewropa u ta' l-Organizzazzjoni tas-Sigurtà u l-Koperazzjoni fl-Ewropa (OSCE), u għaldaqstant impenjat ruħha għall-prinċipji tad-demokrazija u l-elezzjonijiet demokratiċi kif ukoll għar-rispett għal-libertà ta' l-espressjoni u ta' assemblea stipulati minn dawn l-organizzazzjonijiet; billi daww il-prinċipji u l-valuri huma wkoll il-bażi għall-isħubija strateġika bejn l-UE u r-Russja;

¹ ĠU L 327, 28.11.1997, p. 1.

² ĠU C 313E, 20.12.2006, p.271.

³ Testi adottati, P6_TA(2007)0169.

⁴ Testi adottati, P6_TA(2007)0528.

⁵ ĠU C 317E, 23.12.2006, p.474.

- C. billi l-uffiċċju ta' l-OSCE għall-Istituzzjonijiet Demokratiċi u d-Drittijiet tal-Bniedem (ODIHR), fil-kapaċità tagħha bħala għassiesa internazzjonali ta' l-istandards ta' l-elezzjonijiet, kellu jikkancelli l-missjoni ppjanata tagħha biex tissorvelja l-elezzjonijiet fir-Russja minħabba r-restrizzjonijiet severi li saru fuq l-osservaturi tagħha mill-Gvern Russu;
- D. billi l-kap ta' l-osservaturi mill-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill ta' l-Ewropea ddikjara li ma kienx hemm titjib fil-kondizzjonijiet ta' aċċess ta' kandidati għall-mezzi tax-xandir, u dan joħloq dubju dwar jekk l-elezzjoni kinitx ġusta;
- E. billi Mikhail Kasyanov, li qabel kien Prim Ministru u li fil-preżent huwa l-kap ta' l-Unjoni Demokratika tal-Poplu, irreġistra bħala kandidat fl-14 ta' Diċembru 2007, iżda wara ġie skwalifikat mill-Kummissjoni Elettorali Ċentrali tar-Russja, li qalet li għadd kbir wisq miż-żewġ miljun firma ta' appoġġ kienu foloz; billi Mikhail Kasyanov appella kontra dik id-Deċiżjoni fil-Qorti Suprema, li ċaħdet l-appell fis-6 ta' Frar 2008,
- F. billi skond rapporti mill-forzi ewlenin ta' l-oppożizzjoni, l-awtoritajiet Russi, fil-jiem ta' qabel l-elezzjonijiet parlamentari u presidenzjali, poġġew aktar pressjoni fuq il-gruppi ta' l-oppożizzjoni u l-organizzazzjonijiet non-governattivi sabiex jonqsu minn kwalunkwe attivitajiet immirati kontra l-president u l-gvern, filwaqt li żammew lill-mezzi tax-xandir milli jirrappurtaw kwalunkwe attivitajiet ta' dan it-tip;
- G. billi d-demokrazija fir-Russja ddgħajfet, b'mod partikulari minħabba l-kontroll tal-gvern fuq l-istazzjonijiet ewlenin kollha tat-televiżjoni kif ukoll il-parti l-kbira ta' l-istazzjonijiet tar-radju, it-tifrix ta' l-awto-ċensura fost il-mezzi tax-xandir stampat, restrizzjonijiet ġodda għad-dritt ta' l-organizzjoni ta' dimostrazzjonijiet pubbliċi u klima li kull ma jmur qed teħżien fil-konfront ta' l-organizzazzjonijiet non-governattivi;
- H. billi fit-3 ta' Marzu 2008, 'Russja Oħra', koalizzjoni ta' partiti ta' l-oppożizzjoni, organizzaw 'Marċ ta' Dissidenza' sabiex jipprotestaw kontra l-elezzjonijiet presidenzjali fir-Russja tat-2 ta' Marzu 2008; billi l-awtoritajiet tal-belt ma awtorizzawx il-protesta, u qalu li l-grupp pro-Kremlin 'Russja Żaġħżuġha' kien diġà ppjana avvenimenti f'kull punt ewlieni kbir tal-kapitali; billi 'Russja Oħra' ddeċidew li jagħmlu l-marċ u qalu li kienu se jappellaw kontra d-deċiżjoni tal-belt,
- I. billi diversi dimostranti ta' l-oppożizzjoni ġew arrestati waqt li pulizija ta' kontra l-irvellijiet u milizzji bl-elmi u bit-tarki kontra l-irvellijiet f'idejhom xejnu rally fi Pjazza Turgenevskaya fiċ-ċentru ta' Moska; billi Nikita Belykh, il-kap tal-partit ta' l-Unjoni tal-Forzi tal-Lemin, kien fost dawk li ġew arrestati; billi l-kap tal-partit Yabloko f'San Pietruburgu, Maksim Reznik, ġie arrestat ukoll;
1. Jikkundanna l-forza sproporzjonata użata kontra d-demonstranti mill-pulizija, mill-pulizija ta' kontra l-irvellijiet u mill-milizzji fit-3 ta' Marzu 2008, u jistieden lill-awtoritajiet sabiex ikomplu jinvestigaw l-inċidenti u jieħu miżuri ġudizzjarji kontra dawk responsabbli;
 2. Jitlob għall-ħelsien immedjat ta' dawk id-demonstranti kollha li għadhom miżmuma;
 3. Jiddeplora b'mod partikulari, il-fatt li fil-jiem ta' qabel l-elezzjoni presidenzjali, il-kandidati ta' l-oppożizzjoni ġew trattati b'mod illegali; jiddispijaċih li r-Russja ma wżatx l-

elezzjoni riċenti biex isaħħaħ id-demokrazija u l-istat tad-dritt;

4. Jiddispijaċi li l-awtoritajiet Russi qiesu l-missjoni ta' monitoraġġ li kienet maħsuba li ssir mill-OSCE/ODIHR bħala ndħil f'affarijiet interni; ileħħen l-appoġġ qawwi tiegħu għax-xogħol importanti ta' din il-missjoni u jfakkar lir-Russja fl-impenji u fir-responsabilitajiet tagħha bħala membru ta' l-OSCE u tal-Kunsill ta' l-Ewropa, inkluż id-dritt ta' assoċjazzjoni u d-dritt għal demostrazzjonijiet paċifiċi;
5. Jilqa' bi pjaċir l-impenn dikjarat mill-President tar-Russja li għadu kemm inħatar li jggarantixxi l-istat tad-dritt u d-demokrazija, u jesprimi t-tama li hu jagħti prijorità lit-tiżni tar-relazzjoni ma' l-Unjoni Ewropea;
6. Jistieden lill-President Russu li għadu kemm ġie elett sabiex jirrevedi t-trattament ta' figuri pubbliċi priġunieri (fosthom Mihail Khodorkovsky u Platon Lebedev) li l-priġunerija tagħhom hi meqjusa mill-parti l-kbira ta' l-osservaturi li hi motivata politikament; jenfasizza li dan isaħħaħ il-kredibilità ta' l-awtoritajiet Russi u jtejjeb sħubija aktar mill-qrib bejn ir-Russja u l-UE;
7. Iħeġġeġ lill-Kunsill u lill-Istati Membri sabiex jagħmlu l-konformità sħiħa tar-Russja mas-sentenzi tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem prijorità ewlenija fil-livelli kollha tad-djalogu mar-Russja;
8. Jistieden lill-President u lill-Gvern il-ġdid tar-Russja biex flimkien ma' l-Unjoni Ewropea joħlqu l-kundizzjonijiet meħtieġa għal bidu rapidu tan-negozjati dwar Fteħima ta' Sħubija u Koperazzjoni ġdida bejn l-UE u r-Russja; jenfasizza għal darba oħra, f'dan ir-rigward, li r-rispett għall-istat tad-dritt, id-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem iridu jkunu parti importanti ta' kwalunkwe fteħima ġejjiena mar-Russja;
9. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Gvernijiet u lill-Parlamenti ta' l-Istati Membri u lil dak tal-Federazzjoni Russa, kif ukoll lill-President tal-Federazzjoni Russa, lill-Kunsill ta' l-Ewropa u lill-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Koperazzjoni fl-Ewropa.